MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 39/2001/1

Malta Union of Teachers u
Carmel Busuttil
vs
Is-Segretarju Permanenti fl-
Ufficju tal-Prim Ministru u d-Direttur
Generali tal-Edukazzjoni

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Malta Union of Teachers u Carmel Busuttilipprezentat fis-17 ta' Dicembru 2001 u li jghid testwalment hekk:

1. Illi l-Malta Union of Teachers ("MUT") hija assocjazzjoni ta'impjegati ghalliema registrata bhala "trade union" u r-rikorrent Carmel Busuttil huwa ghalliem impjegat tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u membru tal-imsemmija MUT;

2. Illi fl-24 ta' Marzu, 2000, l-MUT tat direttiva industrijali lill-membri taghha sabiex jaghmlu "strike" ta' siegha fil-kuntest ta' tilwima industrijali mal-istess Dipartiment tal-Edukazzjoni, liema direttiva giet obbduta mill-membri tal-MUT, inkluz r-rikorrent Busuttil;

3. Illi mis-salarju mix-xahar ta' Marzu 2000, tal-istess membri inkluz r-rikorrent Busuttil, gie mnaqqas l-ammont ta' LM4.28 ghas siegha li ma hadmux skond l-istess direttiva tal- MUT;

4. Illi fid-29 ta' Novembru, 1999 u fit 3 ta' Dicembru, 1999, f'cirkostanzi simili, dawk l-istess ghalliema tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, membri tal-General Workers Union (GWU) li obdew direttiva tal-GWU illi jistrajkjaw ghall-kwarta hin f'dawk il-granet indikati, ma sarilhom ebda tnaqqis mis-salarju taghhom;

5. Illi din id-differenza fit-trattament bejn il-membri tal-MUT u membri tal-GWU fil-hlas shih tas-salarju tammonta ghall azzjoni li tippregudika lir-rikorrenti u timpingi fuq id-dritt taghhom illi jassocjaw b'mod liberu u jappartjenu lill-assocjazzjoni tal-ghazla libera taghhom bi ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

6. Illi dina l-azzjoni tal-intimati ghandha tohloq effett illi jiffavorixxi lill-GWU u l-membri taghha a skapitu tal-MUT u il-membri taghha, billi jippenalizza impjegat skond liema ghaqda taghti u tigi segwita l-istess forma ta'direttiva industrijali, u b'hekk jimpingi direttament fuq id-drittijiet tar-rikorrenti li jassocjaw b'mod liberu;

7. Illi b'risposta datata l-19 ta' Ottubru, 2000, ghall-protest gudizzjarju tal-atturi tal-11 ta' Ottubru, 2003, l-konvenuti gabu bhala gustifikazzjoni ghal dan it-trattament differenti, id-diffikultajiet prattici da parti taghhom billi kienet ehfef ghalihom illi jnaqqsu s-salarju fil-kaz tal-istrajk tal-MUT, izda mhux daqshekk hafif fil-kaz tal-istrajk tal-GWU, ghax

fil-kaz tal-istrajkijiet tal-MUT l-ubbidjenza o meno tal-membri taghha ghad-direttiva setghet tigi “monitored”;

8. Illi l-intimati bhala awtorita’pubbblika ghandhom l-ewwel dover illi jirrispettaw l-ewwel u jharsu id-drittijiet fondamentali tac-cittadin u ma jistghux joholqu s-sitwazzjoni li tmur kontra dawn id-drittijiet fondamentali jew japplikaw it-test tal-kumdita’ jew pratticita’ fejn jidhlu d-drittijiet fondamentali tal- bniedem.

Ghaldaqstant r-rikorrenti  jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull provediment necessarju jew opportun –

a)  tiddikjara illi t-tnaqqis fis-salarju ta’ Marzu, 2000, tar-rikorrent Busuttil, u tal-membri l-ohra tal-MUT in segwitu tas-siegha tal-istrajk taghhom tal 24 ta’ Marzu, 2000, jammonta ghall-agir dapparti tal-intimati li tivolja d-drittijiet tar-rikorrenti salvagwardjati mill-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

b) tordna lill-intimati sabiex jaghmlu dak li huwa necessarju skond dina l-Qorti sabiex dan l-agir jigi kompensat u mnehhi, u taghti kwalunkwe rimedju iehor jew alternattiv kontemplat mill-istess Kostituzzjoni skond l-Artikolu 46 taghha, jew Konvenzjoni Ewropea;

c)  bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Lulju, 2000, u tal-protest gudizzjarju tal-11 ta’ Ottubru 2000.

Rat ir-risposta ta' l-intimati li tghid testwalment hekk:

Illi preliminarjament din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghet taghha fit termini li jipprovdi l-artikolu 4 tal-Kap 319 u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante li r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji u effettivi biex jikkontestaw l-agir ta’ l-intimati u senjetament, bhala ezempju, rimedju taht l-artikolu 18(4) ta’ l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, Kap 266 (jekk tassew hu l-kaz li

r-rikorrenti ghandhom bzonn ta' xi rimedji fil fattispeci tar-rikors promotur)

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti l-lanjanzi ventilati mir-rikorrenti m'humiex ta' indoli kostituzzjonali in kwantu l-intimati bl-ebda mod ma interferew jew b'xi mod ostakolaw it-tgawdija tad-dritt ta' l-assocjazzjoni protett fl-artikolu 11 tal-Kap 319 u l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni.

Illi kwantu ghall-fatti jerga' jigi ribadit dak li l-esponent diga' tarrfu lir-rikorrenti f'laghqat ma' xulxin u f'atti gudizzjarji ohra u cioe li filwaqt li d-direttiva ta' l-MUT setghet tkun sorveljata facilement ma jistax jinghad l-istess ghad-direttivi ta' l-ohra li nghataw fid-29 ta' Novembru, 1999 u fit 3 ta' Dicembru, 1999 minhabba li l-effett taghhom kien impercettibbli.  Dan billi waqfien ta' kwarta minn persuna jew persuni mhux facili li tikkonstatah daqs strajk li fih wiehed jidhol siegha tard ghax-xoghol.

Kollox jirrizolvi ruhhu allura ghall-kwistjoni ta' fatt ta' kemm wiehed jista' jikkontrolla u jaccerta ruhhu li persuna tkun verament ghamlet strajk ghall-kwarta u dan mhux fl-ambitu ristrett ta' skola izda mas-servizz civili kollu li jhaddan eluf kbar ta' haddiema f'diversi setturi.

Bla dubbju li kieku l-esponenti intimati kienu f'pozizzjoni li jimmonitorjaw l-istrajks tad-29 ta' Novembru, 1999 u tat-3 ta' Dicembru, 1999 dan kienu jaghmluh u kienu jaqtghu l-pagi ta' dawk li strajkjaw f'dawk il-granet izda l-esponenti kienu fl-impossibilita' li jaghmlu dan – *nemo tenetur ad impossibilia.*

Illi jidher li r-rikorrenti mhux qed jikkontestaw id-dritt ta' l-*employer* li jnaqqas mis-salarju s-sighat mhux mahduma mill-impjegati tieghu minhabba azzjoni industrijali.  Billi lanqas vjolazzjoni tad-dritt ordinarju ma jidher li gie vjolat, wisq anqas ghandhom rilevanza dawn il-proceduri kostituzzjonali.

B’hekk hu evidenti li lanjanzi tar-rikorrenti huma kwazi ta’ natura frivola u vessatorja ghaliex l-ebda dritt fondamentali taghhom ma gie lez ghaliex kienu u ghadhom igawdu d-dritt li jassocjaw ruhhom kif, ma min u fejn iridu minghajr interferenza mill-esponenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitolbu bir rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors billi jezistu rimedji ordinarji ghal-lanjanzi tar-rikorrenti, jekk tassew hu l-kaz li wiehed jitlob rimedju f’dawn il-fattispeci tal-kaz u subordinatament tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Dwar il-fatti f'dan il-kaz ma jidhirx li hemm kontroversja. F'Marzu tas-sena 2000 inghatat direttiva mill-Malta Union of Teachers sabiex fl-24 tax-xahar il-membri taghha jaghmlu *strike* ta' siegha. Sussegwentement mis-salarju tax-xahar ta' Marzu tnaqqas l-ammont ta' Lm4.28 ghal dawk il-membri ta' l-MUT li ma hadmux skond id-direttiva. L-oggezzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq il-fatt li fid-29 ta' Novembru 1999 u fit-3 ta' Dicembru 1999, ghalliema tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li huma membri tal-General Workers Union u li obdew direttiva tal-GWU biex jaghmlu *strike* ta' kwarta ma sarilhom l-ebda tnaqqis mis-salarju. Ir-rikorrenti ntavolaw ir-rikors odjern peress li jsostnu li t-tnaqqis fis-salarju fil-konfront tal-membri tal-MUT sar bi ksur tad-drittijiet taghhom kif salvagwardati mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. L-intimati fl-ewwel lok pero` jissottomettu li r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji u effettivi biex jikkontestaw l-agir ta' l-intimati u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-

setghat taghha fit-termini li jipprovdi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti li ssir riferenza specifika ghall-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li huwa identiku, hlief ghal kelma wahda, ghall-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319: *"Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi* [**Kap 319** - *ordinarja*] *ohra."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** tal-5 ta' Dicembru 1986 (riprodotta fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' April 1991 Vol. LXXV.i.106) qalet hekk dwar id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti f'tali proviso:

"Ma hemmx ghalfejn jinghad, li tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment. Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lill-ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesa fl-interess tal-ahjar amminsitrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda l-wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu krejati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci w ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha. Gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Vincent Spiteri vs Onorevoli Prim Ministru 31/8/77 Dec. Kost. P. 567) li din il-Qorti m'ghandhiex irragonevolment tesigi li r-rimedju disponibbli jaghti garanzija assoluta w aprijoristika ta' success f'kull kaz partikolari. Izda mill-banda l-ohra, fil-hsieb ta' din il-Qorti, l-anqas ma ghandu jigi njorat l-aspett ta' kemm ragonevolment ikun mistenni li r-rimedji ordinarji

jkunu jistghu jigu inizjati, prosegwiti u finalizzati fil-prattika b'mod effettiv u effikaci".
L-intimati jsostnu li fil-kaz in ezami r-rikorrenti kellhom access ghal rimedju ordinarju taht l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266). Ighidu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li harsa superficjali lejn is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 18 ta' dak l-Att turi b'mod car li l-istess ligi li tirregola r-relazzjonijiet industrijali tahseb biex kwalunkwe *employer*, il-Gvern inkluz, ma jkunx permess li jikkommetti azzjonjiet diskriminatorji fil-konfront ta' persuni li jkunu hadu sehem f'azzjonijiet industrijali. Ighidu wkoll li dik l-istess ligi tipprovdi ghall-makkinarju shih biex l-individwu jitlob ir-ridress li jidhirlu xieraq.

Mill-banda l-ohra r-rikorrenti jikkontendu li t-termini tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 18 tal-Kap 266 jikkontemplaw biss il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tal-haddiem u l-pozizzjoni tieghu fil-kamp tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu u senjatament fil-kamp tal-ligi privata biss. Infatti, ighidu, dan l-artikolu jibda billi jeskludi "azzjoni ghad-danni" da parti tal-parti leza, cioe` l-*employer*. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-kliem *"jew li jiddiskrimina kontra taghha"*, li l-intimati ghamlu tant enfazi fuqhom, jirreferu ghal forma ta' diskriminazzjoni li l-*employer* altrimenti seta' jezercita waqt azzjoni industrijali bejn haddiema li jsegwu id-direttiva tal-union u dawk li ma jihdux parti. Ghandha tifsira limitata u differenti minn diskriminazzjoni li *employer* jista' jezercita kontra l-istess haddiema tieghu a bazi tal-ghazla tas-shubija fit-trade union.

Il-Qorti taqbel li d-diskriminazzjoni li minnha qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti tmur lil hinn mid-diskriminazzjoni kontemplata fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 18 tal-Kap 266. Difatti l-kwistjoni hawn mhijiex semplicement it-tnaqqis tas-somma ta' Lm4.28 mis-salarju ta' dawk il-membri tal-union rikorrenti li hadu sehem fl-azzjoni industrijali, izda tirrigwarda l-liberta` ta' assocjazzjoni taghhom ma' trade union ta' l-ghazla taghhom. Difatti jekk tirrizulta d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti, tali diskriminazzjoni jista' jkollha l-effett, fi kliem ir-rikorrenti, li l-*employer* ikun b'hekk qieghed *"igieghel lill-haddiem illi kontra l-ghazla tieghu jemigra lejn t-trade union li hija l-*

*ghazla mposta mill-employer!"* F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati hija konsegwentement respinta.

Il-principji legali applikabbli fir-rigward ta' l-ezami ta' allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni lezivi tad-drittijiet fondamentali ta' l-individwu sanciti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni gew ezaminati *funditus* mill-Qrati taghna. Bizzejjed hawn issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru** moghtija fil-31 ta' Mejju 1999 (Vol. LXXXIII.i.163):
"Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta: (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu ttrattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' mposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici, eccetera, tal-persuni) jew, (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonlaita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat (ara **Il-Pulizija vs Dottor Joseph Muscat** - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali, 28 ta' Lulju 1989; **Avukat Dottor Tonio Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et** - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali, 2 ta' Mejju 1984; **Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et** - Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Frar 1987; u bosta ohra).

….

Il-<u>paragun</u> li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni timporta zewg elementi u cjoe` li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess <u>cirkostanzi</u> (*in pari condizione*) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod jew li haddiehor fl-istess <u>cirkostanzi</u> ma giex. Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggat u l-ivvantaggat fuq terren ta' cirkostanzi pari (**Avukat Dottor Louis Galea nomine vs Il-Kummissarju**

**tal-Pulizija et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990). Il-paragun kellu allura jsir *like with like*".

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti jilmentaw li l-intimati ddiskriminaw kontra taghhom billi filwaqt li meta nghatat direttiva mill-MUT biex isir *strike* ta' siegha, dawk il-membri taghha li segwew direttiva tnaqqsitilhom somma mis-salarju taghhom, ghal zewg *strikes* ta' kwarta ordnati mill-GWU ma sar l-ebda tnaqqis. Izda effettivament jista' jinghad li c-cirkostanzi kienu pari?

Mill-provi jirrizulta li filwaqt li d-direttiva ta' l-MUT kienet tirrigwarda biss l-ghalliema, id-direttivi tal-GWU kienu *"service wide"* inkluzi naturalment dawk l-ghalliema li setghu kienu membri tal-GWU. Dan tikkonfermah Anna Caruana Colombo, *director employee relations* fil-*Management and Personnel Office* ta' l-OPM. Hija qalet ukoll li gie spjegat lill-MUT li *"l-istrike tal-General Workers' Union ic-cirkostanzi kienu tali li ma kienx possibbli ghall-amministrazzjoni li tnaqqas il-paga ghax dawn kienu waqfu mix-xoghol bejn id-9.00 u d-9.15 ta' filghodu, for fifteen minutes, li kien il-hin li fih hafna mill-impjegati jkunu fil-break, ghaliex between 9.00 a.m. and 9.15 a.m. huwa l-hin tal-break ghal hafna impjegati u kien impossibli ghalina bhala amministrazzjoni li naraw min kienu dawn in-nies li waqfu mix-xoghol u spjegajnilhom li kienet ghalhekk li ahna ddecidejna li m'ghandniex innaqqsulhom il-paga, mhux ghaliex kien hemm xi raguni ta' diskriminazzjoni"*.

Huwa evidenti mill-provi li l-paragun li r-rikorrenti qed jippruvaw jaghmlu ta' *like with like* ma jirrizultax. Mhuwiex il-kaz hawn ta' direttivi ta' union ohra (il-GWU) fl-istess settur (fost l-ghalliema), izda kienu direttivi *service-wide*. Dawn l-i*strikes* ma jistghux ghalhekk jigu paragunati ma' l-i*strike* tal-MUT li kien lokalizzat ghas-settur ta' l-ghalliema. Certament li kieku d-direttivi tal-GWU kienu jkopru biss lill-ghalliema, ir-rikorrenti kien ikollhom ragun jilmentaw minn diskriminazzjoni fil-konfront taghhom. Ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jipparagunaw is-sitwazzjoni taghhom unikament ma' l-ghalliema membri tal-GWU li segwew id-direttivi ta' dik il-union, peress li, jigi ribadit, id-direttivi tal-

GWU kienu jkopru s-servizz kollu u mhux is-settur ta' l-ghalliema biss.

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi_

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------